**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 14 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Elton Taliana**

**Vs**

**Joseph Balzan**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Joseph Balzan ta' 25 sena, iben Mario u Angele Balzan, imwieled Pieta' fil-31 ta' Dicembru 1988 u residenti gewwa 40, Triq il-Kbira, Siggiewi. ID 28589(M);

Talli nhar it-13 ta' Dicembru 2014 ghal habta tal-erba' w nofs ta' filghodu (04:30a.m) gewwa Triq San Gorg, u f'inhawi ohra f'San Giljan;

1) Attaka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra s-surgent PS591 Jeandre' Grixti u il-kuntistabblijiet PC1194 Christopher Debrincat u PC514 Christopher Mallia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li

kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

2) Talli ingurja, hedded, jew ghamel offiza (ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Paul Zammit M.D. (Reg No. 3242) mill-isptar Mater Dei) fuq il-kuntistabbli PC1194 C. Debrincat, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu li jinfluwixxi fuq kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

3) Talli volontrjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fl-uniformi u fl-Ghassa tal-Pulizija liema hsara ma tkunx tiskorri l-mitejn u hamsin euro (€250);

4) Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

5) Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

6) F’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f’dawn il-proceduri, fl-14 t’April 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex

jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325, 338(dd), (ee) u (ff) tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal tlitt xhur prigunerija sospizi ghal sena skond l-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tikkundannah ghal multa ta' €800.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' €165 lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien xahrejn millum, skond l-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**